MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Numru. 28/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Nicholas Muliet**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nicholas Muliet detentur tal-karta tal-identita` numru 221095(M).

Akkuzat talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn s-6 ta' Novembru, 2011 u tas-7 ta' Novembru 2011 gewwa l-parkegg ta' Roseville, Triq San Anton, Attard:
1. Ikkommetta serq minn go vettura DEG683 Citroen Saxo a detriment ta' Dorianne Agius minn Mqabba, liema

serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-hin, bil-lok u bil-mezz.

Rat li l-imputat ghandu biss sbatax-il sena u rat il-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Rat l-ezami tal-imputat Nicholas Mugliett li wiegeb hati tal-akkuza migjuba kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 263, 269, 270, 271 u 279(a) tal-Kapitolu 9 qed issib lill-imputat Nicholas Muliet hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 qed tpoggih taht Probation Order ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------